## 27 ta' April, 1965

## Imħallef:

## Onor. Dr. Edoardo Magri LL.D.

Emanuela Bartolo

*versus*

Francis Bartolo

### Separazzjoni Personali — Manteniment — Koabitazzjoni.

*Separazzjoni personali hija ġustifikata jekk ir-raġel ma jmantnix lil martu u wliedu.*

*Jekk ir-raġel ma jaħdimx huwa ma jeħlisx minn dan l-obligu jekk ma jkollux xi impediment serju jew marda gravi li jinabilitawh għax-xogħol.*

*Talba ta' Separazzjoni bejn il-konjuġi tista' tiġi akkolta minkejja li l-miżżewġin jgħixu taħt saqaf wieħed u dana purkè jiġi ppruvat li bejn il-konjugi ma jsirux atti li jammontaw għal rekonċiljazzjoni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa; premess illi l-konvenut irrenda ruħu ħati lejn l-attriċi ta' minaċċi u inġurji gravi b'mod li l-konvivenza m'għadhiex aktar possibbli bejniethom — talbet illi tkun pronunzjata s-separazzjoni personali bejniethom bi ħtija tal-konvenut u l-attriċi tkun awtorizzata tgħix separata minn żewġha; (2) jiġu applikati interament jew in parti kontra l-konvenut id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu applikabbli għall-każ; (3) tiġi afdata lill-attriċi l-kustodja ta' binha minuri Paolo; (4) tiġi fissata retta alimentarja għaliha

u għall-imsemmi minuri Paolo li l-konvenut jiġi kkundannat li jħallas fl-ammont, żmien, ħin u lok li jiġu ffissata minn din il-Qorti; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-proċeduri quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti kontra l-konvenut;

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li mill-kumpless taċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret intollerabbli, għaliex il-konvenut naqas mill-adempiment ta' l-ewwel obligu naxxenti miż-żwieġ, dak ċjoè li jmantni lil martu u lil uliedu (Art. 3(2) Kod. Ċiv.; Kollez. Vol. XXXVIII, ii, 598; XXIX, ii, 539).

Li xejn ma jiswa li l-konvenut mhux qiegħed jaħdem, għaliex b'daqshekk ma jistax jesimi ruħu mill-obligu tal-manteniment lejn martu u wliedu, jekk mhux għall-impediment serju jew marda gravi li jinabilitawh għax-xogħol. Il-konvenut ma pprova xejn f'dana s-sens u għalhekk huwa tenut igħaddi lill-attriċi proprio et nomine l-manteniment skond il-liġi.

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li l-fatt tal-koabitazzjoni, jekk bejn il-miżżewġin ma jkunx hemm dik il-ħajja intima u familjari li hija indispensabbli biex teskludi kwalunkwe tentativ ta' separazzjoni — mhijiex ċirkostanza suffiċjenti li għandha a prior iġġiegħel lill-Qorti tirriġetta t-talba ta' l-attriċi. Infatti, mill-aħħar gwerra 'l hawn, il-penurja ta' djar ħolqot l-impossibilità li l-konjugi li jkun qiegħed jissepara ruħu bil-Qorti jsib dimora oħra, u jmur

joqgħod għal rasu. Kien hawn diversi każi fejn il-Qrati tagħna akkoljew talba ta' separazzjoni ta' żewġ konjugi li baqgħu jgħixu taħt l-istess għaliex kien għalihom wisq diffiċli li jsibu fejn joqgħodu band'oħra, u dana purkè jibqa' pruvat li bejn l-istess konjugi ma jsirux atti li jammontaw għal rikonċiljazzjoni.

Li, del resto, ġie pruvat li l-attriċi ilha ma jkollha x'taqsam ma' żewġha żmien twil — minn mindu twieled binha Paolo. Anki kieku l-Qorti ma taċċettax dina l-verżjoni, jibqa' dejjem il-fatt, li ġie ritenut ukoll li mhemmx rikonċiljazzjoni allavolja l-miżżewġin li kienu mifrudin, jerġgħu jikkoabitaw, speċjalment jekk dina r-reunjoni tkun momentaneja, segwita minn dissidji u ġlied, u dana avvolja f'dak iż-żmien il-miżżewġin kellhom relazzjonijiet u għexu flimkien bħala raġel u mara. (Kollez. XXXIV, ii, 533 u sentenzi ċitati fiha). Dana l-prinċipju huwa ramifikazzjoni tal-konċett propunjat mit-Tribunali Taljani fejn qalu li: "Non si deve dedurre la riconciliazione del semplice fatto del congiungimento carnale fra i coniugi dopo la presentazione del ricorso di separazione, potendo esso interpretarsi quale effetto di un creduto dovere fino alla pronuncia della separazione, o quale mezzo di evitare mali maggiori minacciati o temuti" (Fadda, Comm. art. 152, 153, para. 29).

Li, inoltri, kieku wieħed għandu jifhem li l-atteġġament ta' l-attriċi li baqgħet ma' żewġha u ddur bih meta jisker, jekwivali għal maħfra, dana ma jfissirx li l-azzjoni ta' l-attriċi tinsab estinta, għaliex kif josserva elegantament Baudry-Lacantinerie: "Il perdono è l'amnistia del passato, ma non è un brevetto di immunità per l'avvenire".

Għal dawna l-motivi:

Fil-kontumċia tal-konvenut:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tiddikjara l-konvenut dekadut biss mid-drittijiet kontemplati fl-artikoli 56(1)(b)(c)(d), u għall-fini tar-raba' talba tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi għaliha u għal binha minuri Pawlu l-pensjoni alimentarja ta' żewġ liri u ħmistax-il xelin (£2. 15. 0) fil-ġimgħa mill-lum 'il quddiem fid-dar ta' l-abitazzjoni tagħha.

L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.